MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 51/2008

Jiansong Caruana neee Zhao f'isimha proprju, kif ukol bhala kuratrici ad litem ta' binha l-minuri Marcus Caruana, Anthony u John Bonnici

Vs

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku (Ghawdex).

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-29 ta' Mejju 2008 fejn l-atturi ppremettew u talbu:-

Jiansong Caruana u Anthony Caruana zzewwgu fis-7 ta' Settembru 2005, u fl-10 ta' Jannar 2006 isseparaw u ilhom separati de facto minn dakinhar;

Fit-2 ta' Awwissu 2007 gewwa Victoria, Ghawdex, l-attrici welldet lill-minuri Marcus, u fic-certifikat tat-twelid tnizzel li hu iben Anthony Caruana;

Anthony Caruana ghamel kawza ta' denegata paternita, li biha hu talab dikjarazzjoni li m'huwiex il-missier natural tal-minuri. B'sentenza li nghatat fil-15 ta' April 2008 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), it-talba ta' Anthony Caruana giet milqugha;

Ghalhekk hu opportune li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri fis-sens:-

1. Pevja kull dikjarazzjoni li Marcus Caruana hu l-wild natural tal-attur John Bonnici, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku (Ghawdex) sabiex jaghmel il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta' Marcus Caruana bin-numru 190/07, u cjoe:-
(a) Fil-kolonna ntestata "Isem il-Wild" il-kunjom "Caruana" jinbidel ghal "Bonnici";
(b) Fil-kolonna ntestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier", l-ismijiet "Anthony Caruana (Paola, Malta)" jigu sostitwiti bil-kliem "John Bonnici" (San Pawl il-Bahar, Malta)", u
(c) Fil-kolonna intestate "Isem u Kunjom u posta tat-Twelid ta' l-Omm" jigu kancellati l-kliem "the said".

Permezz ta' risposta prezentata fl-24 ta' Gunju 2008 mill-konvenut eccepixxa li:-

1. L-Avukat Generali ma giex notifikat kif rikjest mill-Aritkolu 181B(3) tal-Kap. 12.
2. Il-ligi tippermetti tlett tipi ta' azzjonijiet u l-atturi jridu jindikaw liema azzjoni qeghdin jaghmlu.
3. L-atturi jridu jaghtu prova li l-azzjoni saret fiz-zmien kontemplat fil-ligi u l-impossibilita' li r-ragel tal-omm ighammar ma' martu matul iz-zmien kontemplat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. B'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Marcus Caruana. Fil-qosor il-fatti tal-kawza huma s-segwenti:

(a) Fis-7 ta' Settembru 2005 l-attrici Jiansong Caruana xebba Zhao izzewget lil Anthony Caruana.
(b) Fit-2 ta' Awwissu 2007 fil-Victoria, Ghawdex, l-attrici welldet lill-minuri Marcus. Fic-certifikat tat-twelid tnizzel li hu iben Anthony Caruana.
(c) L-attur John Bonnici kkonferma li l-minuri Marcus twieled minn relazzjoni li kellu maghha (seduta tal-11 ta' Lulju 2008 – fol. 114). L-istess qalet Jiansong Caruana (seduta tal-11 ta' Lulju 2008 – fol. 116) li ddikjarat ukoll li r-relazzjoni taghha ma' John Bonnici bdiet fis-sena elfejn u sitta *"…..wara li jiena kont spiccajt minn ma' zewgi Anthony Caruana…"* (fol. 116). It-tnejn li huma kkonfermaw li John Bonnici qieghed jipprovdi l-kontribut finanzjarju ghall-manteniment tal-minuri. L-attrici ddikjarat ukoll li fil-perjodu tat-tqala kien ta' ghajnuna finanzjarja; *"Kien jigi mieghi ghand it-Tabib meta kien imissni l-vista fil-perjodu li jiena kont tqila. Gie wkoll mieghi meta jiena dhalt l-Isptar biex inwelled. Kien prezenti wkoll meta jiena wellidt. Nikkonferma illi John Bonnici xtrali dak kollu li kelli bzonn ghat-tarbija…. Illum il-gurnata ghand access ghall-minuri….jiena u John nohorgu flimkien mat-tarbija u John ukoll jara t-tarbija kull meta jrid. Bhala ibnu qieghed jimxi tajjeb maghna u jiehu hsiebu."*.
(d) Permezz ta' sentenza li nghatat mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja fil-15 ta' April 2008 (fol. 7) fil-kawza **Anthony Caruana vs Jiansong Caruana xebba Zhao et** (Rikors nru: 380/2007NC), gie dikjarat li l-minuri Marcus Caruana li twieled fit-2 ta' Awwissu 2007 m'huwiex il-wild naturali ta' Anthony Caruana. Fil-motivazzjoni l-qorti osservat: *"illi r-rapport tat-testijiet tad-DNA prezentati, jaghtu konfort lit-tesi ta' l-attur li l-minuri Marcus Caruana mhuwiex il-wild naturali tieghu, izda huwa l-wild biologiku tal-konvenut John Bonnici."*. Ghalkemm f'dik il-kawza

kienet saret talba (it-tieni wahda) sabiex il-qorti tordna korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Marcus (fol. 46), ma nghatat l-ebda decizjoni dwar din it-talba.
(e) Mis-sentenza ma sarx appell u ghalhekk illum hi gudikat[1].
(f) L-atturi qeghdin issa jitolbu korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Marcus Caruana, in kwantu l-missier naturali tieghu hu l-attur John Bonnici. Illum m'hemmx dubju li l-minuri hu l-wild ta' John Bonnici.

2. Fir-rigward ta' l-ewwel talba, il-mertu taghha hu llum ezawrit ghaliex l-Avukat Generali gie notifikat (ara fol. 5 a tergo u fol. 22 a tergo). It-tieni u t-tielet eccezzjoni huma ghal kollox irrilevanti f'dawn il-proceduri, in kwantu llum hu stabbilit li l-minuri m'huwiex iben Marcus Caruana imma John Bonnici. Ghalhekk hemm il-htiega li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri Caruana.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talba ta' l-atturi fis-sens li in kwantu l-minuri Marcus huwa iben John Bonnci, torda korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri numru 190[2] fis-sens li:-

(a) Fil-kolonna *"isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha"*, il-kunjom Caruana ghandu jigi mhassar u sostitwit bil-kunjom Bonnici.
(b) Fil-parti tac-certifika *"Taghrif dwar Missier"* ghadhom jigu mhassra l-isem u kunjom "Anthony Caruana" u t-taghrif kollu li jidher fil-kolonni ntestata *"Id-dokument"*, *"Eta'*, *"Fejn"*, *"Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet"* dwar il-missier, u jigi sostitwit b'din l-informazzjoni:

- Isem u kunjom: **John Bonnici.**
- Id-dokument ta' l-identita: **411948M.**
- Eta: **60 sena**.

[1] Ara dikjarazzjoni mahruga mir-Registratur tal-Qorti fil-25 ta' Gunju 2008 (fol. 37).
[2] Fol. 43.

- Fejn:
Twieldu – **San Pawl il-Bahar.**
Joqghodu – **Burmarrad.**
- Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet – **Salvatore Bonnici (mejjet)**.

Spejjez kontra l-atturi, b'dan li l-ispejjez tal-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------